

# L-INTIMITÀ TA' MOSÈ MA' ALLA (1)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Bil-kelma intimità wieħed għandu jifhem xi ħadd ta' ġewwa, mela tal-qalb. Dan ifisser li hemm ħbiberija tassew, ġenwina, tal-qalb, u li tista' tafdaha b'għajnejk magħluqa. Din l-intimità twassal lil wieħed biex jiftaħ qalbu beraħ mal-ieħor u viċe versa żgur li mhux se jqarraq bih. Din l-azzjoni konkreta ta' intimità forsi l-aktar li tidher huwa bejn il-miżżewġin infushom u l-aktar meta dawn f'mument ta' mħabba għolja jagħrfu lil xulxin.

Issa wieħed mill-personaġġi bibliċi li kellu tassew intimità ma' Alla huwa l-leġiżlatur Mosè. Dan il-bniedem tant huwa personaġġ ta' importanza, ta' ħila, u ta' altruwiżmu ta' mexxej li ismu jinsab miktub għal tmien mija u erbatax-il darba (814) fil-Kotba Mqaddsa. Ukoll fil-Ktieb tan-Numri nsibu hekk dwar Mosè "Mosè kien bniedem umli, l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wiċċ l-art." (12,3) Kien dak il-bniedem li tkellem mal-Mulej "wiċċ imb wiċċ" (Eż 33,11). Dan seħħ għaliex Mose stess talab lil Alla u qallu: "Ħallini, nitolbok, nara l-Glorja tiegħek" (Eż 33,18). F'dan l-artiklu se noħorġu għad-dawl dawk il-mumenti privileġġjati daqskemm uniċi ta' intimità profonda li kellu Mosè ma' Alla.

## Ħdejn il-Ħoreb

L-ewwel waqt qawwi ta' intimità li kellu Mosè ma' Jahweh u li dan il-waqt ħalla impatt fuq il-bqija ta' ħajtu kien f'riġlejn il-muntanja Ħoreb. Mosè nnifsu din il-wirja straordinarja jsejħilha "id-dehra tal-għaġeb" (Eż 3,3). Waqt li kien qed jirgħa n-ngħaġ ta' ħatnu Ġetru, fil-bogħod lemaħ "għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm" (Eż 3,2). Din għal Mosè kienet ġrajja li hu qatt ma basar li se jgħaddi minnha.

Interessanti kif Mosè minkejja li diġà kien ta' età avvanzata sew - aktar minn sebgħin sena – kien għadu jaf jistagħġeb. Kontra n-nies u aktar it-tfal tagħna li ma għadhom jistagħġbu b'xejn, kollox sar *for granted* għalihom. Dan għaliex fil-ħwejjeġ tas-sema qatt wieħed ma għandu jkollu familjarità. Mosè kompla jinħakem minn stagħġib kbir tant li kif kien riesaq biex iħares, sama' min isejjaħlu. Il-verb "iħares" bil-Grieg hu *katamoêsai,* ifisser tħares biex tirrifletti, taħseb fil-fond, tifhem: "Ħarsu *katanoèsate*, jiġifieri rriflettu lejn iċ-ċawl tas-sema" (Lq 12,24). Bl-Ingliż huwa *consider the ravens*. Hawn Ġesù jrid iwassal li wieħed jikkonsidra xi ħaġa sew daqskemm hu jkun kapaċi jirrifletti dwarha!

L-ambjent ta' din id-dehra seta' kien dan: Hemm sinet raba', jiġifieri biċċiet ta' għelieqi mtarrġin fuq xulxin. Mosè kien qiegħed fuq il-livell ta' isfel nett flimkien mal-merħla. Kien komdu, kellu ilma frisk ġieri, ħaxix tal-mergħa, ma kellux sħana hemm fejn kien, dan għaliex kien hemm iż-żiffa tħabbat ma' wiċċu, imkennen mir-riħ sħun tad-deżert. Biss Mosè ddeċieda li jitla' 'l fuq, biex jara x'kien qed jiġri tassew! Mosè hawn issa induna li b'din il-ġrajja u pjan, straordinarju, Alla ried ikellmu u jwassallu messaġġ speċjali daqskemm partikulari għalih. Alla ried jidħol f'intimità partikulari ma' Mosè.



## X'sama' Mosè

Il-passi li għamel Mosè kienu deċisivi; huwa baqa' riesaq lejn l-għollieq. Issa jkompli l-ktieb sagru: "Il-Mulej rah riesaq biex jara, u Alla sejjaħlu minn qalb l-għollieq u qallu: 'Mosè, Mosè!" (Eż 3,4). Hekk kif dan il-bniedem ragħaj sama' min isejjaħlu b'ismu u għal darba tnejn, ħa xokk kbir, forsi wkoll beża'. Kif inhi qatt din, li hawn f'dan id-deżert jaħraq u ħarr, hawn xi ħadd jafni b'ismi!? U mhux biss, imma dan it-tali lil ħaten Ġetru sejjaħlu darbtejn: Mosè, Mosè.

Fil-Bibbja hemm eżempji oħra fejn l-isem tagħhom jissemma darbtejn; u dan ġara dejjem f'mumenti qawwija, mumenti ta' responsabiltà. L-ewwel eżempju huwa dak tal-patrijarka Abraham. Din is-sejħa lil Abraham saritlu matul waqt fejn jimmarka bidla f'ħajjet Abraham. Alla l-ewwel iwiegħed lil Abraham nisel kbir daqs ir-ramel tal-baħar u bħall-kwiekeb tas-sema (Ġen 22,17) u issa qiegħed jitolbu biex joffrilu lil ibnu l-waħdieni b'debħa fuq il-muntajna Morija.

Abraham obda bil-qawwa kollha. Huwa diġà kien rabat lil ibnu Iżakk u ħafen f'idu is-sikkina biex joqtol lil ibnu, meta sama' min isejjaħlu: "Abraham, Abraham. La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ u tagħmillu ebda ħsara" (Ġen 22,12). Tensjoni akbar minn dik Abraham żgur li qatt ma reġa' għadda minnha f'ħajtu.

It-tieni eżempju, dejjem mit-Testment il-Qadim, huwa dak tal-profeta Samwel (1 Sam 3,10). Kien żmien meta l-Istat ta' Iżrael kien qed joqrob lejn il-monarkija. In-nies bil-qawwa kollha talbu għal din ir-realtà. Ukoll



iż-żewġt itfal ta' Eli, Ħofni u Finħas abbużaw bil-kbir mill-pożizzjoni tagħhom bħala wlied il-qassis il-kbir Għeli. Huma kienu jaħtfu biċċiet kbar mil-laħam, tal-bhejjem li kienu qegħdin jiġu offruti biss lil Alla (1 Sam 2,12-15). Ukoll dejjem Ħofni u Finħas "kienu jimteddu man-nisa, li kienu jservu fil-bieb tad-tinda tal-laqgħa" (1 Sam 2,22b). Abbuż kbir mis-setgħa li kellhom dawn ulied Għeli. Għalhekk wasal il-kastig tassew kbir u orribbli.

Quddiem din is-sitwazzjoni Alla ħabbar kastig lil Eli permezz tat-tfajjel Samwel: "Samwel, Samwel: Ara jien se nagħmel waħda f'Iżrael, li kull min jisma' biha jdamdmu widnejh it-tnejn" (1 Sam 3,11).

Fit-Testment il-Ġdid hemm ukoll eżempji fejn isem jiġi mtenni. Hekk fl-istorja ta' Marta (Lq 10,41); waqt l-aħħar ċena, Ġesù jdur fuq Xmun u jsejjaħlu darbtejn biex joqgħod attent (Lq 22,31); fil-konverżjoni ta' Sawl ta' Tarsu hemm fit-triq ta' Damasku (Atti 9,4); kif ukoll Ġesù jtenni l-isem tal-għażiża belt tiegħu Ġerusalemm (Mt 23, 37; Lq 13,34). Tant kien qawwi dan il-waqt li Ġesù beka fuq il-belt tiegħu. (Lq 19,41)

## X'fehem Mosè

Mela Mosè f'dik il-ħemda tad-deżert tas-Sinaj sema' lil xi ħadd b'deċiżjoni kbira



jsejjaħlu darbtejn! Għalhekk hawn Mosè fehem x'inhi l-inizjattiva Divina. Mhux Mosè kien li qed ifittex lil Alla, imma Alla nnifsu kien qed ifittex u forsi wkoll jiġri wara Mosè. Eżempju klassiku bħal dan tah Ġesù stess meta lill-appostli qalilhom ċar u tond: "Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom" (Ġw 15,16). Dan kien eżempju ċar li Ġesù ma mexiex skont it-tradizzjoni tal-istudenti Lhud.

F'dan is-skiet tad-deżert Alla wera l-intimità tiegħu ma' Mosè meta rrivela lilu l-glorja tiegħu. Mosè għadda minn esperjenza ta' għarfien ġdid tiegħu lejn Alla. Sa issa għal Mosè Alla kien xi ħadd li għandu jagħmillu xi ħaġa: Forsi jqajjem xi rivoluzzjoni, jew imur qalb in-nies u jagħti ħajtu għalihom.

Iżda grazzi għall-intimità qawwija li Mosè daħal fiha, induna sewwa li Alla huwa differenti ħafna minn kif kien jaħsbu hu. Alla huwa ħanin tassew, iħobb, jagħti kas sew tal-krib u l-weġgħat tal-individwu, u dan minkejja li hu ħafna drabi minsi min-nies.

U sabiex Alla lill-leġiżlatur Mosè jkompli jdaħħlu fl-intimità miegħu huwa ssokta jgħidlu: "Jiena hu Alla ta' missirijietek:

Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb" (Eż 3,6). Dan il-kliem ta' intimità flimkien ma' dak li ra u sama', ġablu mill-ġdid it-trankwilità, is-serħan u l-bilanċ. Hawn Mosè induna li kien għadu ma fehem xejn dwar Alla ħaj u veru. Alla ried ikompli jgħid u jassigura lil Mosè li kif fl-imgħoddi mexa ma' missirijietu, Abraham, Iżakk u Ġakobb, hekk ukoll se jimxi miegħu bħala mexxej. Hekk kif fl-imgħoddi Alla ma telaqx lilhom u dak li wegħedhom lanqas ma kien se jitlaq lilu u lill-poplu kollu.

## Alla tal-ħniena

L-intimità bejn Alla u Mosè tkompli tissaħħaħ u tintrabat meta Alla jkompli jgħidlu: "Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu" (Eż 3,7). Dan ma kienx biżżejjed għaliex il-kliem spirat ikompli: "U jiena smajt il-karba tagħhom minħabba fl-argużini" (Eż 3,7). Kien imiss it-tielet azzjoni quddiem dan kollu: "Issa nżilt biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani u biex intellagħhom" (Eż 3,8).

Huwa kollu veru li dan huwa kliem biex wieħed jifhem l-imħabba flimkien mal-preokkupazzjoni ta' Alla lejn il-poplu li huwa għażel għalih! Iżda impliċitament Alla qed ikompli jorbot l-intimità tiegħu ma' Mosè. L-awtur sagru juża erba' verbi, li huma l-aktar li jorbtu magħhom familjarità, għotja u mħabba. Dawn huma "ħarist", "rajt", "smajt", u "inżilt". Mela Alla għandu kompassjoni sħiħa lejn in-nies tiegħu u speċjalment lejn dawk batuti.

Quddiem din ir-realtà hekk għolja, imqanqla u fil-prattika ġejja minn Alla, Mosè ma kien fadallu xejn x'jagħmel ħlief li jsaħħaħ aktar l-intimità qawwija li ġa kellu ma' Alla, imma issa aktar issaħħet grazzi għal dak li ra, sama' u tkellem miegħu dwar il-missjoni ġdida li Alla omnipotenti kien se jafdalu.

